## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU WIEĦED

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 2 ta' April, 2002 fis-6.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Walter Ahar | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 5 | | |

### AĠENDA

1) Ħatra tas-Sindku.
2) Ħatra tal-Viċi - Sindku.
3) Ħatra ta' Chairpersons tas-Sotto-Kumitati tal-Kunsill.

Skond l-Ordnijiet Permanenti l-Laqgħa tmexxiet mill-Kunsillier Reno Chircop bħala l-Kunsillier l-aktar Anzjan sakemm issir il-ħatra tas-Sindku u l-Viċi - Sindku.

Qabel il-laqgħa kull Kunsillier ġie ppreżentat b'kopja tal-proċeduri għal din il-ħatra skond kif stabbilit fl-Att tal-Kunsilli Lokali kif ukoll kopja tal-Kodiċi ta' Etika għall-Kunsillieri Lokali.

### 1 (1) Ħatra ta' Sindku

Is-Segretarju Eżekuttiv qara' l-proċedura li kellha tiġi segwita għall-ħatriet tas-Sindku u l-Viċi - Sindku skond l-Artikolu 4.25 mis-Seba Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.1.1 Il-Kunsillier Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ppropona lill-Kunsillier Joseph Casha biex jinħatar bħala Sindku.

1.1.2 Minħabba li ma' kienx hemm aktar nomini, iċ-chairperson Reno Chircop ressaq din in-nominazzjoni għall-konferma tal-voti.

1.1.3 Il-vot espress kien hekk :

| | |
|---|---|
| Ahar Walter | Iva |
| Casha Joseph | Iva |
| Chircop Reno | Iva |
| Gerada Charmaine | Le |
| Mizzi Mario | Iva |

1.1.4 Għaldqstant iċ-chairperson iddikjara lill-Kunsillier Joseph Casha bħala s-Sindku tar-Raba' Kunsill għas-snin 2002 - 2005 u l-laqgħa tkompliet titmexxa mis-Sindku elett.

## 1 (2) Ħatra ta' Viċi Sindku

1.2.1 Il-Kunsillier Reno Chircop issekondat mis-Sindku Joseph Casha, nnomina lill-Kunsillier Walter Ahar bħala Viċi - Sindku.

1.2.2 Billi ma' kienx hemm aktar nomini is-Sindku Joseph Casha ressaq din in-nominazzjoni għall-konferma tal-vot.

1.2.3 Il-vot espress kien hekk :

| | |
|---|---|
| Ahar Walter | Iva |
| Casha Joseph | Iva |
| Chircop Reno | Iva |
| Gerada Charmaine | Le |
| Mizzi Mario | Iva |

1.2.4 Għaldqstant iċ-chairperson iddikjara lill-Kunsillier Walter Ahar bħala l-Viċi Sindku tar-Raba' Kunsill għas-snin 2002 - 2005.

## 1 (3) Ħatra ta' Chairpersons tas-Sotto-Kumitati tal-Kunsill

1.3.1 Qabel ma' saru dawn il-ħatriet is-Sindku elett Jospeh Casha reġa' rringrazzja lill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-ħatra tiegħu.

Huwa appella għall-għaqda u u ħidma kollettiva għax b'hekk biess ikunu jistgħu jegħlbu d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fit-twettiq tal-ħidma tal-Kunsill.

1.3.2 Is-Sindku Joseph Casha wera l-ħsieb li fil-ġejjieni jsiru laqgħat pubbliċi aktar spissi matul is-sena biex il-poplu Senglean ikun ikkonsultat kontinwament.

1.3.3 Joseph Casha - Chairperson

Sotto Kumitat Finanzi, Ġustizzja, Enemalta, Inizjattivi u Ħidma Soċjali, Awtorita ta' l-Ippjanar, Rijabilitazzjoni, Soċjetajiet Sengleani u Djar.

| | |
|---|---|
| Proġetti u Infrastruttura | Joseph Casha / Charmaine Gerada |
| Ġemellaġġ | Joseph Casha / Charmaine Gerada |

1.3.4 Walter Ahar - Chairperson

Indafa Pubblika, Ġonna Pubbliċl, Saħħa u Sigurta' Pubblika

1.3.5 Charmaine Gerada - Chairperson

Korporazzjonijiet Governattivi, Wirt Storiku, Edukazzjoni, Informatika, Kommunikazzjoni Internazzjonali, Kumitat għar-Rijabiltazzjoni tal-Kottonera.

1.3.6 Mario Mizzi - Chairperson

Anzjani u Affarijiet tal-familja, Kultura u Attivitajiet Soċjali, Ismijiet tat-Toroq.

1.3.7 Reno Chircop - Chairperson

Żgħażagħ u Sports, Trasport Pubbliku u Xogħol ta' Manutenzjoni.

1.3.8 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kull Sotto Kumitat jista' biss jipproponi x'għanhu jsir fl-oqsma relattivi tiegħu. Huwa l-Kunsill biss li japprova proġetti u attivitajiet proposti kif imressqa minn dwn is-Sotto Kumitati.

Is-Sindku talab biex kull Sotto Kumitat jagħmel rapport kull xahrejn tal-ħidma li tkun twettqet mis-Sotto Kumitati. Huwa saħaq li dawk is-Sotto Kumitati li ma' jkunux qegħdin jaqdu il-funzjonijiet tagħhom kif mistenni s-Sindku jżomm id-dritt li jwettaq bidla fihom.

1.3.9 Jum l-Isla

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba li ż-żmien kien qasir il-Kunsill ta' qabel kien ħatar lis-Sur Joe Abela biex ikun il-kordinatur għat-tħejjija ta' program ta' attivitajiet għal Jum l-Isla nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju, 2002.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet b'dan l-item fis-7.15pm.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ____________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |